Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 69**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 27.05.24 fl-16.42

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Mary Anne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier - 16.47 |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier P.Fenech talab sabiex jiġu skużati minħabba raġunijiet personali.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**69.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tas-Sedura Nru.68 ġew approvati. Il-Viċi Sindku pproponiet u l-Kunsillier T. Valentino ssekondat.

**69.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

69.2.1 Il-Viċi Sindku nfurmat li għamlet kuntatt mas-sidien ta' Torre Paulina dwar is-siġra li qed tostakola l-viżjoni tas-sewwieqa fi Triq ix-Xiber.

69.2.2 Il-Kunsillier E.Rossignaud informa li sa fl-aħħar l-van li jaħdem bl-eletriku inxtara u qiegħed fil-garage tal-Kunsill. Is-SE infurmat li se jkun inawgurat nhar l-Erbgħa 29 ta'Mejju f'12.00 mill-Onor. B. Camilleri.

69.2.3 Il-Kunsillier E. Rossignaud staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi ġodda dwar il-possibilta' li terġa' tibda' topera l-Berġa tas-saħħa mill-uffiċini tal-Kunsill. Is-Sindku nforma li skont l-aħħar korrispondenza jidher li CEO tal-Primary Health se tkun qed terġa' tikkonsidra din it-talba u se jintbagħtu l-uffċċjali ta' l-Infection Control sabiex jaraw l-post propost.

69.2.4 Il-Kunsillier T.Valentino infurmat dwal ta' Triq il-Fortizza mhux jixgħelu. Is-SE infurmat li dawn ġa ġew irrapurtati lil Enemalta.

69.2.5 Il-Viċi Sindku nfurmat li fi Triq is-Sejjieħ k/m Triq il-Qatta hemm pot b'siġra mejta u għalhekk talbet sabiex din tinqala' u tinżera xi ħaġa oħra flokha. Is-SE infurmat li se tagħmel kuntatt mal-kuntrattur ikkonċernat.

69.2.6 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-pole perikoluż fi Triq il-Madliena. Is-SE infurmat li skont l-aħħar korrispondenza jidher li l-Enemalta qed jistennew minn naħa ta' LESA sabiex dawn jipprovdulhom uffiċċjali biex jiggwidaw it-traffiku waqt li huma jkunu qed jaqilgħu wires minn ma' dan il-pole.

69.2.7 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet jekk sarux ix-xogħlijiet ta' tiswija minn naħa tar-resident fi Triq id-Dris. Is- SE infurmat li sa llum din il-kaptella ta' drenaġġ għadha miftuha u reġgħet għamlet kuntatt mal-Community Police. Sadanitant il-kuntrattur tal-Kunsill jidher li rċieva taħrika biex jitla' għas-Seduta tal-Qorti nhar l-1 ta' Lulju kontra dan l-istess resident.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**69.3 RAPPORT MIS-SINDKU**

69.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat tal-ħidma kollha li saret mil-aħħar Seduta. Dan se jkun mehmuż ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

69.3.2 Huwa ħa din l-okkażjoni biex flimkiena mal-Kunsilliera kollha, jirringrazzja lil Kunsillier P. Fenech ta' xogħol siewi u l-involviment tiegħu mill-bidu tal-Kunsill ( għal aktar minn 30 sena). Il-Kunsillier P. Fenech kien instrumentali sabiex jisaħħaħ il-grupp ta' l-Arti kif ukoll biex saru proġetti speċjali ta' twinning. Is-SE infurmat li l-Kunsillier P. Fenech bgħat imejl li qed tiġi ppreżentata waqt din is-Seduta u se tkun anessa wkoll ma' dawn il-Minuti bħala App. B. Il-Kunsillier M.Bonello inotta li l-Kunsillier A. Chetcuti wkoll sfortunatament mhux se jibqa' jservi bħala Kunsillier fi ħdan dan il-Kunsill. Is-Sindku flimkien mal-bqija tal-Kunsillieri irringrazzjawh tas-servizz li ta tul dawn l-erbatax-il sena. Is-Sindku nforma li se jkunu qed jiġu ppreżentati żewġ tokens lil Kunsillieri P.Fenech u A. Chetcuti. Il-Kunsillier A.Chetcuti rringrazzja lil kollegi li dejjem ikooperaw u ħadmu flimkien għal ġid komuni tal-lokalita'.

69.3.3 Nhar it-8 ta' Mejju, is-Sindku nforma li kellu laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar il-possibilita' li jsiru planters f'kull kanuntiera fi Triq is-Swieqi. Dan il-proġett huwa mistenni li jkun ffinanzjat minn Project Green.

69.3.4 Fl-istess ġurnata, is-Sindku nforma li flimkien mas-SE, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier R. Scicluna Iltaqgħu mas-Sur Coleiro dwar il-possibilita' li bozza li bħalissa qiegħda mwaħla mal-faċċatta tiegħu titneħħa. Dan peress li minħabba żvillup li sar, din ġiet viċin wisq tal-gallariji. Is-SE infurmat li dwar din il-kwistjoni sena ilu diġa ġiet ppreżentata stima lis-Sur Coleiro ta' l-ispejjeż involuti u hu verbalment kien qabel li jagħmel tajjeb għal din l-ispiża. Riċentatment, il-Kunsill reġa' talab lil kuntrattur Mica Med Ltd għal riviżjoni ta' din l-istima u din issa ġiet tiswa madwar 5k.

69.3.5 Is-Sindku nforma li fis-16 ta' Mejju, il-Kunsill fl-aħħar irnexxielu jkollu fil-pussess tiegħu l-van li jaħdem bl-eletriku. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li nilħqu nistabillixxu kif se jkun qed jopera għaldaqstant l-Kunsill li se jkun elett se jkun qiegħed jideċiedi dan il-mod.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**69.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

69.3.6 Is-Sindku nforma li nhar it-23 ta'Mejju ltaqa' mas-Sur M Bianco dwar l-installazzjoni ta' play equipment fi Ġnien MCC. Is-SE infurmat li huwa pjanat li jsir ftuħ żgħir fil-31 ta'Mejju. Il-Kunsilliera u s-Sindki preċidenti se jkunu kollha mistiedna b'mod uffiċċjali.

69.3.7 Huwa nforma li nhar l-24 ta'Mejju iltaqa' ma' grupp ta' residenti minn Triq Fuq il-Ġonna rigward PC12/21. Il-Kunsill flimkien ma' grupp ta' residenti oħra kienu oriġinaljament oġġezzjonaw għal dan it-tibdil.

69.3.8 Nhar l-24 ta' Mejju, is-Sindku informa li b'kolloborazzjoni ma' Reġjun Lvant, dan il-Kunsill organizza Swieqi World Fair- Together in Diversity fil-ġnien ta' Ċentru Ċiviku. Huwa personalment irringrazzja lil Viċi Sindku, is-SE u lill-istaff tal-Kunsill tal-preparamenti kollha li saru. Jidher bi ċar li din l-attivita' kienet waħda ta suċċess. Il-Viċi Sindku infurmat li hija ta' l-opinjoni li attivita' bħal din titdaħħal fil-kalendarju tal-Kunsill sabiex permess tagħha tkompli tisaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-kulturi differenti fil-lokalita' tagħna.

***Il-Viċi Sindku, il-Kunsillier R. Scicluna u l-Kunsillier E.Rossignaud talbu biex jkunu skużati. Il-ħin kien 18.52.***

69.3.9 Is-Sindku nforma li għalkemm ix-xogħlijiet fi Triq il-Miżura bdew jidher li x-xogħol miexi bil-mod ħafna. S'issa tlestew ix-xogħlijiet relatati mal-water mains u drernaġġ. Is-Sindku nforma li huwa ta' spiss jikkomunika mal-Perit responsabli minn naħa ta' IM dwar din il-materja.

69.3.10 Rigward it-trinka li kienet tħaffret minn naħa ta' l-Enemalta fi Triq C.Triosi u Triq il-Keffa, is-Sindku nforma li minkejja diversi reminders li ntbagħtu lil Enemalta, sa llum din it-trinka baqgħett qatt ma ingħatat it-tarmak. Is-SE infurmat li se nibqgħu nippersistu sabiex dawn ix-xogħlijiet sa fl-aħħar jiġu ffinalizzati.

69.3.11 Is-Sindku nforma li bħalissa għaddejjin xogħlijiet ta' manutenzjoni fi Ġnien MCC, Ġnien FX Ebejer u fil-Ġnien ta' Ċentru Ċiviku. Dawn il-ħaddiema huma parti mill-iskema tal-Communtiy Gardens.

69.3.12 Is-Sindku nforma li fil-bidu ta' din is-sena, flimikien mas-SE kienu attendew għal laqgħa mas-Sa. E. Fenech dwar il-pjan ta' ħidma ta' IM għal din is-sena. Wara diskuzzjoni, kien ġie deċiż li IM tintervjeni fuq xogħlijiet fi Triq il-Għajn, Triq il-Ħorża u Triq il-Ktajjen.

69.3.13 Is-Sindku ssuġerixxa li ssir planter fi Triq is-Sirk k/m Triq il-Ktajjen. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

**69.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier A.Pisani

69.4.1 Il-Kunsillier staqsiet jekk hux possibli li jitella' l-ħajt ta' wara bring-in-sites fi Triq ix-Xiber. Is-SE infurmat li jekk jafu min huma s-sidien ta' din l-għalqa, jistgħu jinfurmawhom sabiex itellaw dan il-ħajt.

69.4.2 Hija nfurmat li fi Triq l-Uqija k/m Triq il-Kejla hemm plot li ilu abbandunat u li boundary wall tiegħu qiegħed 'il barra tant li ma jippermettix li jkun hemm bankina. Is-Sindku nforma li dan il-plot ilu hekk għal snin sħaħ tant li anke vetturi jipparkjaw maġenbu. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li ninfurmat lil BCA u lil PA dwar dan.

Mill-Kunsillier T. Valentino

69.4.12 Il-Kunsillier infurmat li nhar is-16 ta'Mejju flimkien mas-SE attendew għal konferenza stampa fil-Belt fejn ġejna nfurmati li dan il-Kunsill ibbenefika mill-iskema ta' restawr li konna applikajna għaliha. Is-SE infurmat li l-Kunsill kien applika biex isiru xogħlijiet ta' tiswija fuq il-Madliena Militiary Wall u li d-Dipartiment tar-Restawr se jkun qed jieħu ħsieb ix-xogħlijiet kollha mill-bidu sa l-aħħar.

**69.5 APPROVAZZJONI TA' PAGAMENT U XIRI IEĦOR**

L-iskeda tal-pagamenti nru. 58 ġiet mibgħuta lil kull Kunsillier permezz ta' email minn qabel. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex isiru dawn il-ħlasijiet. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier A.Chetcuti ssekonda.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**68.6 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

68.6.1 Hija nfurmat rigward il-proċess ta' vakanza ta' Council Assistant. Issa li din is-sejħa ħarġet għall-pubbliku se nkunu qed nilqgħu l-applikazzjonijiet ta' dawk interessati sa l-10 ta'Mejju u nhar l-Erbgha 12 ta' Mejju jsiru l-intervisti lil dawk li japplikaw.

***Din is-seduta spiċċat fi 19.30 u ġie deċiż s-Seduta li jmiss tkun skedata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju fl-16.00 u oħra fl-16.30. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.***

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv